Newsletter 01
March 2023

Tagħlim fuq it-tibdil fil-klima ġewwa skejjel Primarji żvantaġġjati – CLIMATE EARLY

2022-1-CY01-KA210-SCH-000083726

Kelmtejn fuq _____

il-proġett:

Il-proġett CLIMATE EARLY huwa proġett żgħir li jikseb li joħloq kollaborazzjoni bejn id-diversi msieħba tal-proġett sabiex il-kompetenzi tad-diversi organizzazzjonijiet jaħdmu flimkien biex l-edukaturi u l-istudenti jiġu mħarrġa dwar temi fuq it-tibdil fil-klima, kif ukoll joħolqu azzjonijiet biex tittejjeb l-edukazzjoni ambjentali fl-iskejjel.

L-oġġettivi tal-proġett huma biex tittejjeb il-kwalita' tal-edukazzjoni primarja f'żoni b'diffikultajiet soċjo-ekonomiċi, speċjalment fit-taħriġ tal-edukazzjoni sostenibbli. Dan il-proġett qiegħed jiġi propost f'waqtu biex l-għalliema u l-istudenti jiġu mħarrġa b'għodda li ħa jgħinu għal futur aħjar.

Co-funded by
the European Union

Newsletter 01
March 2023

L-ewwel laqgħa transnazzjonali

Fil-31 ta' Jannar u f'1 ta' Frar, Friends of the Earth Malta organizzaw l-ewwel laqgħa transnazzjonali tal-proġett **Climate Early** fil-Belt Valletta. Il-kordinatur tal-proġett RESET (Ċipru) laqqgħu l-organizzazzjonijiet involuti: FOEM (Malta), Pelentri Elementary School (Ċipru), Trimiklini Elementary School (Ċipru).

L-ewwel ġurnata bdiet bil-preżentazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet, b'introduzzjonii ġenerali tal-proġett mill-kordinatur. RESET ippreżentat il-*Project Management* (A1), FOEM ippreżentaw it-*Training Package* (A2) U L-*Climate Early Classrom and Field Labs* (A3). Kien hemm ukoll diskussjoni mal-iskejjel preżenti dwar A3. L-ewwel ġurnata spiċċat b'preżentazzjoni minn RESET.

Filgħaxija l-organizzazzjonijiet iltaqgħu fil-Kottonera għal ikla tradizzjonali. Kienet opportunità biex isiru jafu lil xulxin aħjar!

Newsletter 01
March 2023

Fit-tieni ġurnata ġew diskussi l-aħħar attivitajiet tal-proġett inklużi '*Dissemination and Sustianability*' tal-proġett. Wara tkellmu fuq l-pjan ta' azzjoni għax-xhur li ġejjin.

Wara, FOEM ħadu lill-iskejjel u RESET fil-kwartieri ġenerali tal-Friends of the Earth Malta. Hemmhekk setgħu jifhmu aħjar kif taħdem l-organizzazzjoni.

Newsletter 01
March 2023

Il-ġurnata ntemmet b'mixja l-Imdina u fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli.

Il-laqgħa Transnazzjonali li jmiss ħa ssir f'Jannar 2024 ġewwa Ċipru, imlaqqa' minn RESET.

Il-laqgħa li jmiss online ħa ssir f'Marzu 2023.

Partners:

Co-funded by the European Union

The European Commission's support for the production of this publication does not constitute an endorsement of the contents, which reflect the views only of the authors, and the Commission cannot be held responsible for any use which may be made of the information contained therein.